# CHARLES J. SCICLUNA

GĦALL-GRAZZJA TA' ALLA

U TAS-SEDE APPOSTOLIKA

ARĊISQOF TA' MALTA

**Proċess tal-Beatifikazzjoni u tal-Kanonizzazzjoni**
**tal-Qaddejja ta' Alla**
**Inez Casolani (1915-1992)**
**Lajka Miżżewġa**

## EDITT

Inez Casolani, nee' Vassallo, bint Giovanni Felice u Giuseppina née Portelli, twieldet Bormla fil-11 ta' Ottubru 1915. Hija ġiet mgħammda jumejn wara fil-Parroċċa u Kolleġġjata tal-Kuncizzjoni f'Bormla. Inez kienet it-tielet minn ħamest aħwa.

Inez trabbiet f'familja devota. Peress li mill-ewwel uriet ħila fl-iskola, il-ġenituri tagħha ħajruha tkompli l-istudji akkademiċi. Ftit qabel il-Gwerra Inez tilfet lil missierha. Minkejja li kellha dispożizzjoni naturali bħala għalliema, b'sagrifiċċju kbir fi żmien il-Gwerra, Inez daħlet taħdem bħala skrivana mas-Servizzi Ingliżi biex tgħin lil ommha u lil ħutha finanzjarjament.

L-għerusija ta' Henry u Inez ikkoinċidiet mal-gwerra, għalhekk ħejjew għaż-żwieġ tagħhom fin-nuqqas ta' kollox. Wieħed seta' jara li l-imħabba ta' bejniethom, lejn Alla u lejn il-proxxmu, diġa' feġġet sew. Iżżewġu nhar id-19 ta' April 1944 fil-Knisja ta' Santu Wistin, il-Belt. Hekk kif iżżewġet, Inez waqfet għal kollox mix-xogħol u ddedikat ruħha totalment għall-familja tagħha, iżda xorta baqgħet tagħti lezzjonijiet privati bla ħlas biex tgħin lil tfal ta' familji fil-bżonn. Henry u Inez Casolani kellhom karattri kompletament differenti minn ta' xulxin iżda sabu l-mod kif jiftehmu u jkunu ħaġa waħda f'dak li hu fundamentali: l-unità fl-imħabba ta' Alla u fil-mixja dejjem 'il quddiem fil-prattika tat-tagħlim ta' Ġesù. Fid-dar tagħhom kien hemm ambjent qaddis.

Bħala ġenituri, Henry u Inez Casolani kellhom tifla waħda, Cecilia. Inez kienet l-għalliema ewlenija, spiritwali u dejjiema ta' Cecilia. Flimkien ma' Henry, Inez rabbiet lit-tifla f'għożża kbira u fil-biża' ta'Alla. F'dan l-ambjent kollu, fil-fjur ta' żgħożitha, Cecilia wieġbet f'fehma soda u bla dewmien għas-sejħa li kien qiegħed jagħmlilha Alla l-Imbierek għall-ħajja kkonsagrata. Minkejja l-qasma ta' qalb li l-firda ġġib magħha, Henry u Inez mhux talli aċċettawha, imma ħaddnu din id-deċiżjoni ta' binthom u b'hekk taw xhieda ta' mħabba bla tarf, ta' tama qawwija u ta' spirtu ta' sagrifiċċju.

Dan dejjem għall-glorja ta' Alla. Inez bierket lil Cecilia, segwietha bit-talb u dejjem inkuraġġietha biex tingħata kollha kemm hi għall-missjoni tagħha.

Ħafna nies sabu l-faraġ f'Inez Casolani għax Inez tant kienet tidħol fil-qalb tal-bniedem u tifhem u tgħin u tagħder lil dak li jkun! Kienet iżżur lill-morda fl-isptarijiet – mhux biss lil dawk li habbewha iżda anki lil dawk il-persuni li wrew qalb iebsa magħha. Atti ta' karità għamlithom ma' kulħadd – hu min hu – anki ma' dawk li wrew indifferenza u inġustizzja magħha. Fatt nobbli f'Inez huwa li, bħal Henry, l-opri tal-ħniena li għamlet, dejjem żammithom misturin. Kienet kapaci ssofri bil-paċenzja kull nuqqas, kull ċanfir u kull tkasbir li rċeviet mingħand ħaddieħor. L-imħabba tagħha lejn Alla rebbħitha fuq kull diffikultà u kull weġgħa li ltaqgħet magħha.

Inez Casolani kienet magħrufa mhux biss għall-qdusija tagħha, imma fuq kollox għall-imħabba kbira li kellha lejn Ġesù preżenti fl-Ewkaristija. Minn meta kienet tifla sakemm mietet, kienet kull nhar ta' Ħamis filgħaxija tagħmel siegħa adorazzjoni ta' bil-lejl. Għamlet minn kollox biex tippromwovi l-adorazzjoni tas-Santissimu Sagrament. Il-Quddiesa u t-Tqarbina ta' kuljum kienu l-qofol tal-ġurnata tagħha. Kienet tispikka fiha d-devozzjoni tal-Via Sagra u tar-Ruzarju tal-Familja. Kienet membru awżiljarja tal-*Legjun ta' Marija*. Kienet ukoll *Ambaxxattriċi ta' Marija*. Ħsiebha kien dejjem merfugħ lejn Alla. Il-kuntatt tagħha ma' Alla kien bla waqfien. Talba minn tagħha kienet: 'O Ġesù, waħħal qalbi ma' qalbek u tħallini qatt ninfired minnek.' Għexet ħajja ħielsa minn dak kollu li seta' jifridha minn Alla. Kienet tersaq lejn il-qrar sikwit u dejjem issottomettiet ruħha għad-direzzjoni tal-konfessuri tagħha. Kienet kapaċi tikkontrolla s-sensi u l-passjonijiet tagħha. Kellha l-paċi f'qalbha anki f'mumenti ta' prova. Kienet perseveranti fit-talb tagħha. Dejjem għarfet iċ-ċokon tagħha quddiem il-kobor tal-Mulej!

L-ispiritwalità ta' Inez Casolani kienet imfassla fuq erba' dimensjonijiet: talb, qari tal-Kelma t'Alla, mortifikazzjoni u karità. Ħajjitha mxietha pass pass ma' Ġesù, fl-imħabba Tiegħu, fil-faraġ Tiegħu. L-għażliet tagħha kienu dejjem imnebbħa minn valuri morali sodi. Kull ħidma tagħha kienet animata bi spirtu ta' talb. Is-sawm, is-sens ta' caħda u l-mortifikazzjoni kellhom sens qawwi għal din il-mara.

Inez kienet tant qrib tal Mulej li kienet tarah f'kollox. Fil-meravilja tan-natura, fil-muntanji nkurunati bis-silġ u fl-immensità tal-univers, Inez misset il-qalb u l-kobor tal-Mulej. Kliem ta' tifħir lil Alla kien iġelben minn fommha. Kull esperjenza li ghaddiet minnha ħolqot f'ħajjitha esperjenza aktar profonda mal-Mulej. Offriet kollox lil Alla – kemm il-ferh, kemm il-mard u kemm it-tiġrib tagħha. F'nofs is-sofferenzi tagħha, Alla dejjem baqa' dik il-viżjoni quddiemha li taha l-kuraġġ biex tibqa' miexja 'l quddiem. Inez Casolani mietet fit-13 ta' Lulju 1992.

Mitlubin mill-Postulatur tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni u tal-Kanonizzazzjoni tal-istess Inez Casolani biex jingħata bidu għal din il-kawża, skont in-Normi tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, qed nippubblikaw dan l-Editt biex nitolbu lil kull min għandu xi kitba ta' Inez Casolani jgħaddiha fil-Kanċellerija tat-Tribunal Metropolitan fil-Kurja Arċiveskovili, Valletta. B'kitba nifhmu mhux biss dik stampata iżda wkoll manuskritti, id-djarji, ittri u kull kitba oħra privata ta' din il-Qaddejja ta' Alla. Dawk li jixtiequ li jżommu l-oriġinal jistgħu jippreżentaw kopja li, wara li tkun verifikata mal-oriġinal, tiġi awtentikata mill-Kanċellier tal-istess Tribunal.

Nordnaw li dan l-Editt jitwaħħal fil-bieb tal-Kurja għal xahrejn u jitwaħħal fin-notice board tal-parroċċi għall-istess żmien.

Mogħti mill-Kurja Tagħna fil-Furjana, illum 21 ta' Awwissu, 2015, tifkira tal-Papa San Piju X.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta